TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU. 147

DECIZJONI NRU. 115

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Il-General Workers' Union
(Textiles and Garments' Section)
u
In-Nylon Knitting Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 10 ta' Frar 1982

Chairman : T. Portughese, B.A. (Hons.), M.A.

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'ittra minn ghand l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol skond id-disposizzjonijiet previsti mill-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Dan il-kaz qam wara li l-kumpanija Nylon Knitting Ltd. temmet l-impieg tas-Sinjuri Pierre Mizzi u Demis Farrugia, tkeccija li l-appellanti allegaw li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti biex sema' l-procedimenti dwar dan il-kaz. Ghall-appellanti deher is-Sur Arthur Micallef, Segretarju tat-Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union, waqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata minn Dottor Pier Luigi Susani, Managing Director, is-Sur Edward Azzopardi, Administration Manager u s-Sur Paul Midolo, Personnel Officer.

3. Statement of Case

Ghall-appellanti - f'isem is-Sinjuri Pierre Mizzi u Dennis Farrugia, impjegati bhala Machine Operators, gie sottomess li huma tkeccew ghal raguni mhux tajba u sufficjenti ghax kellhom jitilqu minn fuq ix-xoghol ghax hassewhom ma jifilhux

/.....

waqt li kienu certifikati medikament. Iz-zewg impjegati, li kienu dahlu ghax-xoghol fuq ix-xift ta' l-ghaxra ta' bil-lejl sas-sitta ta' filghodu ta' nhar is-Sibt 23 ta' Mejju 1981, ftit wara gharrfu lis-supervisor taghhom li ma felhux ikomplu x-xoghol ghax kienu ma jifilhux u konsegwentement marru d-dar. Fil-5 ta' Gunju huma rcevew ittra minn ghand il-Kumpanija li fiha gew imgharrfa li l-impieg taghhom gie terminat minhabba ebda raguni gustifikata ma nghatat dwar l-assenza. Gie sottomess minn naha tal-appellant, li l-assenza taghhom kellha raguni gustifikata li giet stabbilita, fil-fehma taghhom, permezz ta' certifikat mediku. It-Taqsima sostniet li z-zewg haddiema kienu ppruvaw jaghmlu hilithom biex jirrapurtaw ghax-xoghol minkejja li kienu ma jifilhux. Ic-certifikati tat-tobba privati taghhom gew injurati mill-Kumpanija u l-Management sostna li ma sab ebda raguni li setghet tiggustifika l-assenza taz-zewg haddiema.

Is-sottomissjoni ta' l-appellanti kkonfermat fl-ahharnett it-tezi li t-tkeccija kienet kastig estrem li nghata minghajr ebda raguni valida u gustifikata bizzejjed. L-appellanti ghalhekk talbu "re-instatement" shih minghajr telfien ta' paga ghaz-zmien li damu barra mix-xoghol.

4. <u>Statement of Case</u>

<u>Ghall-Kumpanija</u> - ir-rapprezentanti tan-Nylon Knitting Ltd. sostnew li l-impjegati taghhom is-Sinjuri Pierri Mizzi u Dennis Farrugia tkeccew skond l-artikolu 25 tas-sub-sezzjoni 10 tal-Conditions of Employment (Regulation) Act XI ta' l-1952. Gie sottomess li z-zewg impjegati rrapurtaw ghax-xoghol nhar is-Sibt 23 ta' Mejju 1981 fl-ghaxra ta' bil-lejl, u ppancjaw li hargu tliet minuti wara, billi sostnew li huma morda. Nhar is-27 ta' Mejju tal-1981 it-tabib tal-kumpanija gie mghajjat fil-fabbrika biex jivverifika l-assenzi minhabba mard li sehhew nhar it-23 ta' Mejju 1981. Fil-fatt tliet impjegati, jigifieri Pierre Mizzi, Dennis Farrugia u P. Cortis, kienu

/.....

rrapurtaw morda nhar it-23 ta' Mejju, fl-istess hin, jigifieri tliet minuti wara l-gaaxra, wara li kienu rrapurtaw ghax-xoghol.

Is-Sur Dennis Farrugia pero' ma marx ghal din il-vizta medika, u konsegwentement, it-tabib tal-kumpanija Dr M.A. Borg, ma harigx certifikat.

L-impjegati l-ohra gew ezaminati, u fil-kaz tas-Sur Pierre Mizzi, Dr Borg ma ccertifikax li kien hemm gustifikazzjoni ghall-assenza tas-Sur Pierre Mizzi, u stqarr li ma kienx hemm sinjali klinici li jsahhu t-tezi tieghu.

Il-Kumpanija ssottomettiet ukoll li skond il-Ftehim Kollettiv bejn iz-zewg nahat, iffirmat f'April ta' l-1979, klawsola 20 (b) tghid li fil-kaz ta' mard, l-assenza mix-xoghol tigi permessa bil-presentazzjoni ta' certifikat mediku ffirmat mit-tabib tal-kumpanija.

Dawn ic-cirkostanzi wasslu ghat-temm ta' l-impieg ta' Pierre Mizzi u Dennis Farrugia, li fil-fatt gew imgharrfa b'dan nhar il-5 ta' Gunju tal-1981.

Il-Kumpanija qalet ukoll li f'dan l-istadju rceviet kopji fotostatici ta' certifikati medici li sostnew li z-zewg impjegati ma kienux f'qaghda li jirrapurtaw ghax-xoghol nhar it-23 ta' Mejju 1981.

Ic-certifikat mahrug minn Dr J.I. Vella ghal Dennis Farrugia, inhareg nhar il-5 ta' Gunju tal-1981. Ic-certifikat ghal Pierre Mizz , iffirmat mit-Tabib G.A. Mercieca, inhareg fl-4 ta' Gunju tal-1981.

Il-Kumpanija sostniet li z-zewg certifikati koprew l-inkapacita' ghax-xoghol ghal jum wiehed biss, jigifieri ghat-23 ta' Mejju 1981, u la t-tnejn li huma irrapurtaw ghax-xoghol dak in-nhar,

/.....

ic-certifikati in kwistjoni ghandhom jitqiesu bhala minghajr valur u effett. Il-Kumpanija qalet li ma rceviet ebda certifikati ghall-allegat mard fil-perijodu 23 - 24 ta' Mejju 1981.

Aspett kardinali li sahqet fuqu l-Kumpanija hu li z-zewg haddiema tnehhew mis-servizz fl-isfond globali ta' l-imgieba u r-records taghhom fl-imghoddi. Din l-analizi stabbiliet li r-record tas-sick leave ta' Pierre Mizzi juri total ta' 154 jum bejn l-1973 u l-1981. Minn naha tieghu, Dennis Farrugia kellu tnax-il jum ta' assenza minhabba mard, bejn l-1979 u l-1981.

Intqal ukoll li l-haddiema in kwistjoni nghataw diversi twissijiet biex ibiddlu l-atteggjament taghhom.

5. <u>Lista ta' Dokumenti Sottomessi</u> -

i. Ittra mis-Sur A. Micallef lil Dr Pier Luigi Susani, bid-data 8 ta' Gunju 1981 (Annex A).

ii. Certifikat mahrug minn Dr J.I. Vella (Annex B) lil Dennis Farrugia.

iii. Certifikat iffirmat minn Dr A.G. Mercieca (Annex B) dwar Pierre Mizzi.

iv. Ittra bid-data 21 ta' Lulju 1981 mis-Sur E. Cilia Debono A/Direttur tax-Xoghol lill-General Workers' Union.

v. Certifikat minn Dr J.I. Vella dwar Dennis Farrugia (1a).

vi. Certifikat iehor minn Dr J.I. Vella li fih qal li ezamina lil Denis Farrugia biex rega' analizza griehi li garrab waqt loghba football. Dan ic-certifikat ghandu d-data 30 ta' Mejju 1981. (1c).

vii. Gudizzji medici minn Dr Paul Farrugia bid-data 28 ta' Mejju fuq is-sinjuri Pierre Mizzi u Dennis Farrugia (2).

viii. Sensiela ta' twissijiet u records dwarhom.

/.....

6. Matul is-smiegh tal-kaz, instemghu dawn ix-xhieda :

Ghall-appellanti - Michael Aquilina, Shop Steward fin-
Nylon Knitting
Dr J.I. Vella
Dr A.G. Mercieca
u xehdu wkoll l-appellanti nfushom.

Ghall-Kumpanija - Dr Paul Farrugia
Dr Michael Borg
John Pirotta, Head of Textiles' Dept.
man-Nylon Knitting.

7. Ix-Xhieda fil-qosor -

i. Is-Sur Michael Aquilina qal li bhala Shop Steward jghid lil shabu li l-Union mhix qeghda biex tiggieled l-abbuzi tal-haddiema izda d-drittijiet taghhom. Dwar il-kaz in kwistjoni, huwa xehed li malli gie f'idejh, mill-ewwel hass li kellu jgharraf lis-Segretarju tat-Taqsima. Is-Sur Aquilina qal ukoll li jekk jiftakar sewwa, dak in-nhar tat-tkeccija, Pierri Mizzi infurmah b'li gara u f'perijodu qasir mar ikellem ukoll lis-Segretarju. Huwa qal l-istess haga lil Dennis Farrugia li mar ukoll ikellem lis-Segretarju. Dejjem dwar Dennis Farrugia, qal li jiftakar li darba kellu xi clash mat-tabib tal-kumpanija, mhux li ma qaghadx jistenna u qabad u telaq.

ii. Dr J.I. Vella xehed li bhala tabib meta jiccertifika lil xi hadd, ikun rah ghax inkella mhux ser johrog certifikat. Fil-kaz ta' Dennis Farrugia, ma setax johrog certifikat jekk ma kienx ezaminah. Fil-fatt hu lil Farrugia kien rah qabel hariglu c-certifikat, u dan hargu wara li ntalab jaghmel hekk minn Farrugia n-nifsu. Huwa kkonferma li rah dak in-nhar li wegga'. Farrugia ghall-ewwel qallu li kellu t-tabib tal-fabbrika u ghalhekk ma kienx jehtieg certifikat. Kien wara li rega' mar u talbu certifikat privat.

/.....

iii. Dr A.G. Mercieca xehed li tabib biex jiccertifika lil xi hadd irid jezaminah. Dwar Mizzi, Dr Mercieca qal li ezaminah diversi drabi u dejjem kien ibati bi sturdamenti, tinzillu l-pressjoni u sintomi ohra. Dwar il-jum tat-23 ta' Mejju, huwa qal li ma kienx seta' jattendi ghax-xoghol minhabba dawn is-sintomi li kellu. Dr Mercieca kkonferma c-certifikat tieghu li nhar it-23 ta' Mejju, Mizzi ma kienx f'qaghda li jmur ghax-xoghol. Dwar mistoqsija minn naha tal-Kumpanija li Mizzi kellu part-time job fuq vapur, Dr Mercieca wiegeb li dwar dan ma kienx jaf. Huwa zied jixhed li c-certifikat hareg fl-4 ta' Gunju ghax lil Mizzi kien jarah ta' sikwit, gieli darbtejn u tlieta f'gimgha, u mhux kull darba kien johroglu certifikat. Probabilment mar staqsieh hu biex jaghtih certifikat ghal dak il-jum specifiku. Dr Mercieca stqarr li ma jistax jiftakar ezatt li rah f'dak l-istess jum li fih Mizzi rraporta li hu marid fuq ix-xoghol. Li qal hu li dak iz-zmien kien qed jarah regolarment.

iv. Dr Paul Farrugia, tabib tan-Nylon Knitting Ltd., xehed li l-ewwelnett jiddispjacih li kellu jasal f'dawn ic-cirkostanzi ghax bhala tabib kien jittratta lill-haddiema zgur li mhux b'id iebsa. Meta jghid li kellu okkazzjonijiet li jirrimarka u jfakkar lil Pierre Mizzi biex kemm jista' jkun igib ruhu ahjar fis-sick leave, kienet veru cirkostanza li kellu bilfors jaghmilha. Dwar Dennis Farrugia, huwa xehed li jiftakar in partikulari episodju wiehed, ghalkemm mhux cert kienx hu, li marret persuna mibghuta mill-kumpanija, din dahlet fuq in-nies li t-tabib kien qed jinvista. Dr Farrugia qallu biex jistenna barra sakemm jasal it-turn tieghu. Dr Farrugia pero' ghamilha cara li ma jistax jahlef li din il-persuna kienet Dennis Farrugia.

v. Dr M. Borg xehed li lil Pierre Mizzi kien ezaminah fis-27 ta' Mejju. Ftit qabel kien diga' rah id-dar ukoll. Mizzi baqa' jinsisti bl-istess affarijiet, ta' dardir, u li kien ihossu hazin. Kien jghid li dan it-taqlib kien ikkagunat

forsi mill-murliti. Dr Borg stqarr li hu ezaminah dwar dan, u ma sabhomx hekk. Biex il-murliti jikkagunaw dawk is-sintomi li taqa' l-pressjoni u jhossok hazin, irid ikollok enemija. Biss ma kien hemm ebda xhieda ta' din l-enemija. Dr Borg sostna li f'dan il-kaz seta' anki erbat ijiem wara jistabilixxi l-qaghda reali ta' l-individwu. Fil-fatt ezaminalu l-pressjoni, il-pulmun, is-sistema nervuza, u ma sab xejn. Ghalhekk irrizulta li ma kienx marid u kien qallu biex jerga' jidhol ghax-xoghol. Dwar il-konkluzjoni li wasal ghaliha t-tabib privat ta' Mizzi, Dr Borg qal li ma jahsibx li hi kompetenza tieghu li jiddikjara li certifikat ta' tabib iehor hux validu jew le.

vi. Is-Sur John Pirotta, Head of Textiles' Department tan-Nylon Knitting Ltd., xehed li kien ra stramba li tlieta minn nies irrapurtaw morda f'daqqa, kif gara nhar it-23 ta' Mejju 1981, fil-ghaxra ta' bil-lejl. Ghalhekk huwa ta struzzjonijiet lis-supervisor biex icempel lill-Personnel Officer ghax tlieta minn nies fuq tnax, ikollok hafna mill-magni weqfin. Is-Sur Pirotta zied jghid li lil Pierre Mizzi jafu li spiss jaghmel hafna sick leave u ma kienx konvint li l-ilment tieghu dwar mard dak in-nhar kien wiehed reali. Dwar Dennis Farrugia, ix-xhud qal li Farrugia ma tantx kien ilu mal-kumpanija, u l-aktar li kien jimrad kien bil-lejl.

7. <u>Sottomissjonijiet Finali</u> -

Is-Sur Arthur Micallef f'isem <u>it-Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union</u>, sostna li t-tkeccija ta' <u>Pierre Mizzi</u> u <u>Dennis Farrugia</u> kienet ingusta ghax il-kumpanija baqghet ma ppruvatx li z-zewg haddiema ma kienux tabilhaqq morda meta s-Sibt 23 ta' Mejju 1981 dahlu ghax-xoghol u kellhom jergghu johorgu minhabba li hassewhom ma jifilhux. Gie sottomess li l-Management ibbaza l-gustifikazzjoni tieghu mhux fuq il-validita' ta' certifikazzjoni medika izda fuq l-imgieba u n-nuqqas fil-passat u li z-zewg haddiema naqsu li jiggustifikaw bil-miktub l-assenza taghhom minn fuq ix-xoghol.

/.....

Punt iehor imqajjem mill-appellanti hu li r-record passat dwar twissijiet huwa sostanzjalment differenti bejn impjegat u iehor. Skond l-Istatement of Case tal-Kumpanija, Pierre Mizzi kellu 69 jum sick leave, waqt li Dennis Farrugia kellu 12.

Gie enfasizzat ukoll aspett iehor li l-Kumpanija ma apprezzatx l-isforzi ta' l-appellanti li dahlu ghax-xoghol minkejja li diga' kienu ma jifilhux. Dr Mercieca u Dr Vella stabilew illi z-zewg impjegati gew iccertifikati b'morda dwar dak il-jum li fih dahlu ghax-xoghol. It-taqsima sostniet li ma taqbilx mal-Management li Mizzi u Farrugia mhux veru kienu morda. Il-Kumpanija ghalhekk ghandha toqghod fuq ic-certifikazzjoni tat-tobba kif titlob il-ligi.

Fattur iehor li ssemma' fis-sottomissjoni finali ta' l-appellanti kien li l-Management ma mexiex fuq il-procedura specjali ta' certifikazzjoni ta' mard ghall-haddiema ta' bil-lejl.

It-taqsima temmet l-analizi taghha tal-kaz billi sostniet li l-assenza giet ikkonfermata taht gurament mit-tobba rispettivi, u ghaldaqstant, il-Kumpanija ma kellhiex kawza gusta li tkecci liz-zewg haddiema.

Ghall-Kumpanija, gie sottomess li l-kaz huwa wiehed car b' ragunijiet sodi ghaliex huwa bbazat fuq il-Ftehim Kollettiv bejn in-Nylon Knitting Ltd. u l-General Workers' Union.

F'dan l-isfond, ir-rapprezentazzjoni tal-Union tmur kontra dan il-ftehim li jistabilixxi li assenza minhabba mard tigi awtorizzata u permessa wara l-prezentazzjoni ta' certifikat mediku ffirmat mit-tabib tal-Kumpanija.

Il-Ftehim Kollettiv jeskludi li l-Kumpanija hi obbligata li tirrikonoxxi certifikat mediku ta' tabib li mhux l-Ufficjali Mediku taghha.

/.....

Klawsola 18 tistabilixxi wkoll li meta mpjegat ikun nieqes mix-xoghol minghajr raguni valida jew minghajr ma jgharraf lill-Kumpanija, hemm id-dritt tal-Kumpanija li jew tissospendieh wara twissija mehtiega u fil-kaz ta' assentejizmu ripetut, li ttemm l-impieg.

Il-Kumpanija ssottomettiet li Pierre Mizzi ma giex certifikat minn Dr M. Borg li kellu raguni medikament valida. Mill-banda l-ohra, Dennis Farrugia, naqas li jmur il-Klinika tal-fabbrika u fl-istess hin ipprefera jmur ghand it-tabib tieghu.

Il-gudizzju finali dwar l-assentejizmu ha in konsiderazzjoni r-record ta' l-imghoddi.

Pierre Mizzi kien inghata l-ahhar cans wara talba mill-Union u ghalhekk kien jaf li kwalunkwe offiza ohra tissigilla t-temm ta' l-impieg tieghu.

Dennis Farrugia kien inghata l-Final Notice, wara sensiela ta' nuqqasijiet precedenti.

Il-Kumpanija sostniet li din l-imgieba kienet qed tohloq effett hazin fuq il-produzzjoni.

8. <u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u> -

L-objettiv fundamentali li dahal ghalih it-Tribunal kien li jistabilixxi jekk is-sinjuri Dennis Farrugia u Pierre Mizzi tkeccewx ghal raguni valida jew le, u kellu ghalhekk jikkunsidra b'analizi dettaljata hafna d-diversi aspetti purament amministrattivi marbutin ma' din il-kontroversja industrijali. It-Tribunal ikkoncentra l-analizi tieghu fuq l-aspetti purament industrijali li huma rilevanti mat-tkeccija taz-zewg impjegati.

/.....

L-argumentazzjonijiet ta' l-appellanti gew ibbazati fuq dettalji procedurali u ma affrontawx is-sustanza essenzjali ta' kaz industrijali, li jitlob kunsiderazzjoni specifika ta' fatturi, aspetti u cirkustanzi li jridu jigu valutati fl-isfond tar-realta' industrijali kif imhaddma effettivament u kif hija awtentikata minn ftehim jew kuntratt industrijali.

Il-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn iz-zewg nahat issigilla l-validita' ta' sistema ta' certifikazzjoni medika li fil-fatt giet accettata miz-zewg nahat. Minghajr ma jidhol fit-tip ta' organizzazzjoni interna tal-fabbrika, it-Tribunal ikollu josserva biss li din is-sistema ntlaqghet bonarjament miz-zewg nahat, u ghalhekk ikollu jaccetta l-principju tal-Ftehim Kollettiv li l-Kumpanija taghraf biss certifikati mit-tabib taghha.

Dwar id-diskrepanza li hemm fic-certifikati ta' Dr Borg u Dr Mercieca, it-Tribunal jghid li mhux kompitu tieghu janalizza liema minnhom stabilixxa l-verita' medika. Ic-certifikat validu ghat-termini ta' dan il-kaz huwa dak iffirmat minn Dr Borg, l-Ufficjal Mediku maghruf mill-Kumpanija.

Fl-istess kwadru wiehed irid jikkunsidra c-certifikat ta' Dr Vella dwar Dennis Farrugia. It-Tribunal m'ghandux certifikat mit-tabib tal-kumpanija ghax l-appellant ma marx ghall-appuntament mat-tabib tal-kumpanija.

Huwa fatt li z-zewg impjegati kellhom record negattiv ta' assentejizmu. Dawn in-nuqqasijiet gew notifikati mill-Kumpanija li tat twissijiet cari u sodisfacenti dwar dan l-assentejizmu.

It-Tribunal ra li l-valutazzjoni finali giet ispirata minn kwadru negattiv ta' assentejizmu, vjolazzjoni ta' regoli li ghandhom is-sigill ta' ftehim industrijali u minn fatturi determinati minn azzjoni precedenti li fiz-zewg kazi kellhom diga' certa gravita' fl-imghoddi.

/.....

9. <u>Award</u> -

Dawn ir-ragunijiet cari u precizi, iwasslu lit-Tribunal jiddeciedi li t-temm ta' l-impieg tas-Sinjuri Pierre Mizzi u Dennis Farrugia, kien b'ragunijiet gusti u sufficjenti skond il-ligi, u b'hekk it-Tribunal qieghed jaqta' u jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

T. PORTUGHESE
Chairman

EDW. F. ABELA
A/Segretarju

10 ta' Frar 1982

em